# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt


***Minuti tat-13-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 13 ta'Novembru 2015 fis-7:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
| --- | --- |
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skuzat** | |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |

Qabel bdiet formalment il-Laqgha, l-Kunsillier Carl Grech informa lill-Kunsill b'ittra li hu kien rcieva minghand persuna li hu kien ippropona li sservi fis-Sotto Kumitat Qasam Socjali, fejn din qaltlu li minhabba ragunijiet taghha ma setghetx isservi f'dan is-Sotto Kumitat.

**13/01** **Talba**

**13/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-7.00 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatur Żagħżugh ġie skużat.

**13/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 12**

**13/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

**13/02/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati dawn il-Minuti.

**13/03** **Punti mtella' mill-Minuti 12**

**13/03/01** **Para 12/03/01:** Ir-rapport tal-Perit dwar Triq il-Gnien għadu pendenti.

**13/03/02** **Para 12/03/05:** Intbagħtet *reminder* lil Malta Public Transport rigward it-talba għall-kumpens għall-ħsara fuq il-*crash barrier* fi Triq Stiefnu Zerafa.

**13/03/03** **Para 12/03/07:** Giet accettata stima ta' 590 Ewro biex tinbena bankina fi Triq Mons L. Catania.

**13/03/04** **Para 12/03/08:** Kien hemm diskussjoni fuq il-BOQ sabiex jigi irrangat il-Ġnien ta' Żagħruna ippreparata mill-Perit tal-Kunsill. Għandha ssir kjarifika fuq il-materjal li għandu jintuża għall- *playing equipment* u anke jekk hux possibbli li ssir kamra għall-għodda. Gie deciz li l-fence li jifred il-gnien mill-bankina ma jinbidilx. Ġew innutati xi rakkomandazzjonijiet li saru mir-residenti tal-inħawi fosthom dwar il-bzonn ta bins kbar.

13/03/05 **Para 12/03/12:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Management tal-McDonalds kien aċċetta li jiffinanzja t-tindif ta' Top of the World darba fil-ġimgħa. Huma kien ser ihallsu direttament biex isir dan ix-xoghol.

13/03/06 **Para 12/03/013:** Ġie innutat li reġgħet twaħħlet il-bozza fejn kienet fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa.

13/03/07 **Para 12/03/14:** Il-Kunsill għandu jitlob rapport li kien sar mill-WD sabiex tittaffa l-probema ta' *pooling* fi Triq iż-Żagħruna kantuniera ma' Triq l-Indipendenza.

13/03/08 **Para 12/03/16:** Kien hemm diskussjoni rigward Triq Fidiel Zarb u l-permessi li jinħarġu biex isir x-xogħol f'din it-triq. Ġie deċiż li l-permessi f'din it-triq jinħarġu biss bejn id-9.00 ta' filgħodu u is-1.00 ta' wara nofsinhar. Ukoll l-ebda permessi ma joħorġu nhar ta' Erbgħa.

13/03/09 **Para 12/03/17:** Ġie deċiż li tinġabar stima biex jinfetaħ culvert zgħir fi Sqaq tal-Ġebel l-Kbira. Sadanittant ser inkomplu nsegwu ma TM sabiex hu jaghmlu dan ix-xoghol.

13/03/10 **Para 12/05/04:** Il-Kunsill mhux kuntent bix-xogħol li qed ser fiz-zamma u l-manutenzjoni tal-laterina pubblika u ghalhekk il-Kunsill ser jikkunsidra li jtemm dan il-kuntratt. Għandha tintalab direzzjoni mid-DLG rigward jekk hux possibbli, li tintgħażel persuna oħra mill-istess sejha orginali tat-tender li kienet giet fit-tieni post fil-lista ta' priorita'.

Ġie deċiż li jinxtara l-materjal biex jiġu rranġati l-bankini fit-Toroq Dun Karm Fenech u Gargallo. Ix-xogħol ser issir minn residenti tal-istess toroq.

Għandha tintalab stima biex issir il-Junction Box fil-bypass ta' Birguma.

13/03/11 **Para 12/05/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li nfetħu t-toqob quddiem l-entratura tal-ground biex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-U Bollards. Ghad saret talba lil TM biex issir site visit għall parir fuq *traffic management* fi Triq San Ġwann.

**Para 12/07/01:** Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet korrispondenza lil MEPA biex nissuġġerixxu li applikazzjonijiet ġodda ghal zvilupp għandhom jizguraw li jkun hemm 2 postijiet ta' parkeġġ għal kull unit residenzjali.

13/03/12 Kien hemm diskussjoni sabiex isir ħruq tal-logħob tan-nar f'Jum Il-Għargħur. Ġiet innutata li l-ispiża sabiex issir polza tas-sigurta' biex jinharaq in-nar filgħodu hija 47 Ewro u għal filgħaxija hija 85 Ewro. Kien hemm qbil fuq dawn u kien hemm qbil ukoll li jinxtara b'850 Ewro nar biex jinharaq f'Jum il-Għargħur.

## 13/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti

13/04/01 L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha. Kien hemm qbil unamimu ukoll li jigu approvati l-pagamenti li saru mill-Petty cash.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**13/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**13/05/01** 18115077237525 Talba biex issir tabella/mera quddiem ir-residenza Clavel peress qed tkun perikoluża biex toħroġ mill-garage. Għandha ssir kjarifika x'qed titlob ezatt din ir-residenta.

**13/05/02** 1811506237527 Talba biex jinzebghu mill-gdid l-linji faċċata ta' garage fi Triq Fra Duminku Mifsud biex ikun jista' joħroġu il-coaches. Kien hemm qbil li dan isir.

**13/05/03** Ġie innutat ilment minn residenta rigward Triq il-Ġnien li hija dejqa għal żewġ karozzi biex jgħaddu. Il-Kunsill qed jaħdem biex din it-triq titwessa'.

**13/05/04** Ġie innutat ilment minn residenta rigward storbju li jkun hemm fit-triq meta joħorġu nies mill-istabbiliment tal-ikel biex dawn ipejpu. Il-Kunsill iddecieda li ma jista jaghmel xejn. Il-permess tal-hanut hareg minn awtoritajiet ohra u kull ma qieghed jaghmel sid il-hanut bhalissa huwa li jopera l-istabilment, li tieghu ghandu l-permessi kollha.

**13/06** ***Korrispondenza***

**13/06/01** Ġiet innutata Memo 30/2015 Skema dwar Inizjattivi Attivitajiet Kulturali 2016. Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għall-attività f'April 2016.

**13/06/02** Ġiet innutata wkoll ittra mis-Sur Norbert Gatt mir-Restoration Unit fejn ġejna nfurmati li din il-unit ma tagħmilx xogħol ta' restawr fuq propjetà devoluta lill-Kunsilli Lokali.

**13/06/03** Kien hemm diskussjoni fuq talba mill-iskola biex il-Kunsill jiffinanzja x-xiri ta' kotba għall-preżentazzjoni ta' studenti. Ġie deċiż li jinxtaw b'50 Ewro kotba.

**13/06/04** Ġiet innuata korrispondenza minn SignMark rigward l-offerta taghhom għal tender T-07/15-24 Tabelli u Sinjali. Ġie kkonfermat li għal xiri ta' tabelli m'hemmx minimum order, imma għal xogħol ta' linji hemm minimum order ta' 120 Ewro. L-offerta' ta' SignMark giet meqjuza bhala l-aktar wahda vantaggjuza. Is-Sindku ippropona u l-Vici Sindku ssekonda li tiġi magħżula l-offerta ta' SignMark. Kien hemm qbil unanimu.

**13/06/05** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA. Rigward applikazzjoni sabiex hanut jinbidel ghar-restaurant fi Triq l-Oratorju gie deciz li ninfurmaw lill-MEPA li f'din it-triq diga hemm problema kbira ta' traffiku u probabli jekk din l-applikazzjoni tintlaqa din il-problema ser tizdied.

**13/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**13/07/01** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem fuq:-

Sqaq il-Ħofra fejn qal li ma jistax isir hot asphalt peress li ghandhom ma sarux is-servizzi kollha u sadanittant ser tintalab stima biex isir patching tat-toqob bil-concrete.

Ġiet innutata stima at 826 Ewro biex tiġi rranġata "round about" fi Triq San Ġwann. Din l-istima ġiet kkunsidrata għolja u ma ġietx aċċettata u gie deciz li tintalab stima ohra.

Tkellem fuq l-attivitajiet li ser jigu organizzati fosthom l-Fun Run fil-15 ta' Novembru 2015, il-Clean Up fis-6 ta' Diċembru 2015, l-Milied fil-Pjazza fl-20 ta' Diċembru 2015 u l-Mixja għall-Għar fit-22 ta' Diċembru 2015.

Kien hemm qbil li tinxtara siġra kbira tal-Milied biex titqiegħed fil-Pjazza. Din tiswa ċirca 900 Ewro + VAT.

L-attività tal-Halloween kienet waħda ta' suċċess u l-Kunsill innota li l-Ghaqda Dwal Godda li maghhom kienet saret din l-attivita' kienu rranġaw xi ħitan tas-sejjieħ li kienu ġarbu ħsarat.

Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill issir fis-17 ta' Diċembru 2015 fir-Radisson Golden Sands.

Diskussjoni rigward il-Premju Ħidma Volontarja b'Risq il-Għargħur. Din għandha tiġi kkordinata mal-MHRA.

Laqgħat mad-Direttur tal-Cleansing Dept. u mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija M Sammut u ma ufficcjali tal-Muesec.

Ġie deċiż li ssir applikazzjoni mal-MEPA biex Sqaq tan-Nar tkun jista jinkesa bil-konkos meta l-Kunsill ikollhu l-fondi. Il-Perit tal-Kunsill ser jintalab jaghmel din l-applikazzjoni.

Ġie deċiż li jiġu mormija l-iskips tar-reċiklaġġ li hemm merfugħa fis-Searchlight Battery peress li dawn huma mkissrin u huma ta' żgombru.

Ġie deċiż li ssir talba lill-Enemalta għal shifting ta' bozza fuq arblu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

Kien hemm diskussjoni rigward Triq Għaxqet l-Għajn. Wara diskussjoni ġie innutat li TM ħarġet permess biex din il-parti tingħalaq bi prova. Ġie deċiż li din tingħalaq bil-bollards tal konkos.

Talba biex isiru double yellow lines f'parti minn Triq San Brinkat. Gie deciz li tintlaqa din it-talba.

Gie deciz li l-Perit tal-Kunsill jintalab jaghmel stima sabiex tigi *scarified* u miksija mill-gdid bil-hot asphalt Triq Caravaggio bejn Triq 31 ta' Marzu u Triq il-Gnien.

**13/07/02** Is-Sur Mario Gauci ppreżenta l-Quarterly Financial Report ghad-9 xhur li ghalqu fit-30 ta' Settembru 2015. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati. Kopja tal-Kunsill ser tintbaghat lid-DLG u kopja titpogga fuq il-website tal-Kunsill

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**13/07/03** Is-Sur Mark Azzopardi ġab għall-attenzjoni li hemm xi fanali li huma perikolużi. Ġie deċiż li dawn jiġu rranġati. Ser nippruvaw li dawn jintrabtu mal-faccata tal-bini. Ser isir fanal bi prova.

**13/07/04** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li għandu pjanijiet biex jinfetaħ Day Centre għall-Anzjani. Hu ta xi dettalji pero aktar informazzjoni tinghata fil-laqghat li gejjin. Hu nforma lill-Kunsill li kienu ngħatat t-tilqima tal-influenza lill-anzjani tal-Għargħur. Il-Party tal-Milied tal-Anzjani jsir fis-17 ta' Diċembru 2015 u ser isir fis-sala tal-Kazin tal-Banda.

**13/07/05** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq:

Il-Kuncert tal-Milied li ser issir fit-13 ta' Diċembru 2015 fil-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill irid hallas l-ispejjeż li jinkludu trasport, kiri ta' kostumi, xir ta' tifkira etc. Kien hemm qbil fuq dan.

Ser ssir attività kulturali fl-24 ta' Novembru 2015 - ħarġa għall-Palazz tal-Inkwiżitur.

Ippropona li jinbidlu 4 tabelli ġodda bil-ħinijiet tal-iskola. Kien hemm qbil.

Ser jitlob sabiex jigi jahdem fir-rahal ħaddiem iehor tal-IPSL.

Ser jitlob li jigu mislufa xi pjanti għall-użu waqt l-attivitjiet.

Il-Kunsill qabel fuq dawn kollha.

**13/08** **Aġġornament**

**13/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-10.00 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta’ Novembru 2015 fis-6.00 p.m.

**Giljan Aquilina** — **Sindku**

**Kurt Guillaumier** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**